

## V

(Avviżi)

## PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

SEJĦA GĦAL PROPOSTI — EACEA/27/2017

taħt il-programm Erasmus+

KA3 — Appoġġ għar-Riforma tal-Politika

Kwalifiki Konġunti fl-Edukazzjoni u fit-Taħriġ Vokazzjonali (ETV)

(2017/C 346/09)

**1. Objettivi**

L-objettivi ġenerali tas-sejħa huma, minn naħa, li tiżied l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh u li jingħata kontribut għall-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għolja, ikkwalifikata u mobbli li minnha jeħtieġ li jibbenefikaw il-kumpaniji wkoll u, min-naħa l-oħra, li jiġu sostnuti l-iżviluppi konġunti fl-ETV fl-Ewropa u li tissaħħaħ il-kwalità, ir-rilevanza u l-attrazzjoni ta' dawn.

L-objettiv speċifiku ta' din is-sejħa hu li ssostni t-tħejjija jew l-istabbiliment ta' kwalifiki konġunti tal-ETV inkluż fl-livell ogħla jew it-titjib tat-tali kwalifiki eżistenti.

Jeħtieġ li l-kwalifiki transnazzjonali jinvolvu tagħlim b'saħħtu bbażat fuq ix-xogħol u komponent ta' mobbiltà, jindirizzaw l-eżiti tat-tagħlim, il-garanzija tal-kwalità u r-rikonoxximent xieraq filwaqt li jużaw għodod u strumenti Ewropej rilevanti.

F'dan l-isfond ta' qgħad għoli fost iż-żgħażaġh, ta' spariġġ fil-ħiliet u nuqqas ta' ħiliet kif ukoll tal-ħtieġa għal ħiliet ta' livell ogħla fl-livell settorjali, il-kwalifiki konġunti tal-ETV għandhom il-potenzjal li jindirizzaw dawn l-isfidi u jiżguraw li l-ETV iwiegħu aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

**2. Sħubijiet eliġibbli**

Is-sħubija trid tkun imsawra minn sħab minn tal-anqas żewġ pajjiżi differenti tal-Programm Erasmus+ (tal-inqas wieħed minnhom iridu ikun Stat Membru tal-Unjoni Ewropea):

- It-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit<sup>(1)</sup>;
- Il-pajjiżi tal-Programm li mhumiex fl-UE: l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, it-Turkija.

Barra minn hekk, is-sħubija għandha tinkludi tal-inqas tliet sħab, inklużi ż-żewġ organizzazzjonijiet li ġejjin:

- Fornitur tal-ETV (fil-livell sekondarju għoli, fil-livell postsekondarju mhux terzjarju jew fil-livell terzjarju);
- Intrapriża (pubblika jew privata) jew kamra tal-industrija, tal-kummerċ u tas-snaġja' jew organizzazzjoni settorjali/professionali.

<sup>(1)</sup> Għall-applikanti mir-Renju Unit: Jekk jogħġbok kun af li għandu jkun hemm konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà għad-durata kollha tal-għotja. Jekk ir-Renju Unit joħroġ mill-UE matul il-perjodu ta' għotja mingħajr ma jikkonkludi ftehim mal-UE li jiżgura b'mod partikolari li l-applikanti Brittaniċi jibqgħu eliġibbli, inti se tieqaf tirċievi finanzjament mill-UE (filwaqt li tkompli, sa fejn possibbli, tipparticipa) jew tkun meħtieġ tħalli l-proġett.

Wieħed minn dawn is-sħab jrid ikun l-organizzazzjoni li tikkoordina, li tapplika għall-għotja ta' Erasmus+ għan-nom tal-konsorzju tal-organizzazzjonijiet sħab.

Organizzazzjonijiet parteċipanti eliġibbli oħra jinkludu:

- L-awtoritajiet rilevanti tal-kwalifiki jew ekwivalenti (flivelli nazzjonali, reġjonali jew settorjali). L-involvement tat-tali organizzazzjoni minn kull wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fil-proġett se jirrappreżenta assi fl-evalwazzjoni tal-kwalità tal-konsorzju tal-proġett u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni;
- L-awtoritajiet pubbliċi lokali, reġjonali jew nazzjonali;
- Is-sħab soċjali (l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u l-ħaddiema);
- L-istituti ta' riċerka;
- L-organizzazzjonijiet umbrella Ewropej;
- Il-kunsilli tal-ħiliet tas-setturi, jew ekwivalenti;
- Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi;
- L-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh;
- L-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri;
- Korpi rilevanti oħra.

### 3. Attivitajiet u r-riżultati mistennija

L-attivitajiet iridu jibdeu bejn l-1 ta' Settembru 2018 u l-1 ta' Novembru 2018.

Id-durata tal-proġetti hi ta' 24 xahar.

Jeħtieġ li l-benefiċjarji jwettqu ż-żewġ attivitajiet ewlenin li ġejjin:

- Ifasslu jew itejbu kwalifika konġunta fl-ETV, bl-għan li jwieġbu għal ħtiġijiet konkreti ta' ħiliet fil-pajjiżi bi sħab obbligatorji, bl-għan li din tiġi rikonoxxuta bħala kwalifika f'kull wieħed minn dawn il-pajjiżi.

Jeħtieġ li l-kwalifika konġunta tkun komposta minn unitajiet identifikati ċari:

- Definiti permezz ta' profil ta' kwalifika dettaljat, li hu spjegazzjoni komprensiva tal-eżiti tat-tagħlim mistennija;
- Komplimentati mit-tfassil ta' kurrikulu konġunt, b'komponent b'saħħtu ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, u jostnu l-mobilità transfruntiera, transnazzjonali u interreġjonali tal-istudenti;
- Ikkomplimentati minn standards tal-valutazzjoni.
- L-istabbiliment ta' strutturi ta' kooperazzjoni sostenibbli biex jiġu żgurati trasparenza, komparabbiltà, sistemi xierqa ta' garanzija tal-kwalità u r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki, filwaqt li l-impenn eżistenti jsir iktar sistematiku u mmirat.

Matul id-durata tal-proġett iridu jinkisbu riżultati konkreti:

- Titfassal jew titjeb kwalifika konġunta fl-ETV
  - Jinkisbu eżiti tanġibbli u sostenibbli fl-istabbiliment ta' kwalifika konġunta tal-ETV inkluża trasparenza, komparabbiltà u rikonoxximent aħjar ta' dawk il-kwalifiki;
  - Tiġi pprovduta evidenza fuq kif il-ħtiġijiet ta' ħiliet speċifiċi se jitlaqqgħu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol fil-pajjiżi/fir-reġjuni parteċipanti fis-sħubija.
- L-istabbiliment ta' strutturi sostenibbli ġodda ta' kooperazzjoni
  - Jintwerew sforzi konkreti biex tiżdied l-impjegabbiltà tal-istudenti tal-ETV permezz ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol u permezz ta' opportunitajiet ta' mobilità inkorporati;
  - Jiġu implimentati sinerġiji fit-tul biex fl-aħħar mill-aħħar titjeb l-attrazzjoni tal-ETV.

Trid tintwera evidenza li r-riżultati tanġibbli tal-proġett se jibqgħu jifittxu wara li jkun intemm il-finanzjament mill-UE.

#### 4. Kriterji tal-għoti

L-applikazzjonijiet eliġibbli se jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

1. Ir-rilevanza tal-proġett (Massimu 30 punt – Limitu: minimu ta' 16-il punt);
2. Il-kwalità tat-tfassil u tal-implimentazzjoni tal-proġett (Massimu 25 punt – Limitu: minimu ta' 13-il punt);
3. Il-kwalità tal-konsorzju tal-proġett u tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni (Massimu 25 punt – Limitu: minimu ta' 13-il punt);
4. L-impatt u d-disseminazzjoni (Massimu 20 punt – Limitu: minimu ta' 11-il punt)

Biex jiġu kkunsidrati għall-finanzjament, l-applikazzjonijiet iridu jgħibu tal-inqas 60 punt (minn 100 punt b'kollox), b'kunsiderazzjoni wkoll tal-limitu minimu neċessarju għal kull wieħed mill-erba' kriterji tal-għoti.

#### 5. Baġit

Il-baġit totali allokat għall-kofinanzjament ta' proġetti hu stmat sa massimu ta' EUR 6 miljun.

Ir-rata massima ta' kofinanzjament mill-UE se tkun ta' 80 %.

Kull għotja se tammonta għal bejn EUR 200 000 u EUR 500 000. Hu mistenni li se jiġu ffinanzjati madwar 20 proposta.

L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

#### 6. Data ta' skadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet iridu jiġu ppreżentati sa mhux iktar tard **mill-31 ta' Jannar 2018, sa nofsinhar (ħin ta' Brussell)**.

L-applikazzjonijiet iridu jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

- Iridu jiġu sottomessi online permezz tal-formola ta' applikazzjoni uffiċjali korretta (Formola elettronika);
- Iridu jiġu miktuba b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE;
- Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett, dikjarazzjoni fuq l-unur u baġit stmat ibbilanċjat, ippreżentati fuq il-formoli uffiċjali, iridu jkunu mehmuża mal-applikazzjonijiet.

In-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti jwassal għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni.

#### 7. Dettalji sħaħ

Il-Linji Gwida tal-Applikanti flimkien mal-Formola elettronika ta' applikazzjoni jinsabu fl-indirizz tal-Internet li ġej:

[https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/ka3-joint-qualifications-in-vocational-education-and-training\\_en](https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/ka3-joint-qualifications-in-vocational-education-and-training_en)

L-applikazzjonijiet iridu jkunu konformi mat-termini kollha tal-Linji Gwida.